**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 265/2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Paul Joseph Portelli**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2022

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Paul Joseph Portelli detentur tal-karta tal-identita Maltija 63780 M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar il-11 ta' Mejju 2017 u fiz-zminijiet ta' qabel gewwa Triq ir-Raheb, Tarxien u fil-gzejjer Maltin ghamel diversi atti maghmulin minnu ukoll fi zminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess dispozzizzjonijiet tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u dan bi ksur tal-Art 18 tal-Kap 9:

A) Kif ukoll ingurja u hedded, mhux imsemmi band'ohra f'dan il-kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal provokazzjoni lil Anna Portelli u dan bi ksur tal-Art 339 (e) tal-Kap 9.

B) Kif ukoll permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded lil Anna Portelli u dan bi ksur tal-Art 49 (a) tal-Kap 339.

C) Kif ukoll permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ghamel uzu iehor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-Art 49 (c) tal-Kap 399.

D) Kif ukoll ta' fastidju lil Anna Portelli, u b'mod li kien jaf jew li kien imissu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal Anna Portelli u dan bi ksur tal-Art 251A tal-Kap 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-11 ta' Gunju 2018 li biha ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni u r-raba' imputazzjoni u minnhom illiberatu, sabitu hati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjoni u a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, lliberatu b'kundizzjoni ghal zmien tnax-il xahar, filwaqt illi bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat li Paul Joseph Portelli jintrabat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu biex izomm il-kwiet ma' Anna Portelli, u dan taht penali ta' elf euro (€1,000) ghal zmien sena mid-data ta' din is-sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Paul Joseph Portelli pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Gunju 2018 li bih talab **ir-riforma** tas-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** fejn sabet lill-imputat mhux hati tat-tieni u ir-raba' imputazzjoni u **tirrevokaha** fil-

kumplament billi tilliberah mill-imputazzjonijiet ukoll mill-ewwel u mit-tielet imputazzjoni u ghalhekk tirrevoka ukoll kull piena moghtija lill-akkuzat appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fis-sottomissjonijiet orali taghhom;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma dwar dizgwid bejn koppja mizzewwga li ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni u sfortunatament nibdet bejniethom certu animozita' bil-mertu ta' dan il-kaz bhala ezempju fejn il-parte civile ddenunzjat lill-imputat dwar ingurja maghmula permezz ta' telefonata u dwar fastidju naxxenti minn tqeghid ta' security camera fuq il-bieb tal-garage uzat mill-imputat izda li tkopri l-bieb minn fejn tidhol l-parte civile. Filwaqt li l-imputat kien liberat mill-imputazzjoni tal-fastidju u ta' theddid, kien misjub hati tal-ingurja u dik konsegwenzjali tal-uzu hazin ta' apparat ta' komunikazzjoni meta waqt telefonata bejnithom indirizzaha bhala persuna *handicap*;

2. Illi mill-ezami tal-provi huwa palezi illi kienet l-parte civile li cemplet lill-imputat sabiex tkellmu dwar sentenza li kienet

appena inghatat mill-Qorti fil-kwistjoni ta' bejnithom. Kien l-imputat stess li rregistra din il-konversazzjoni u pprezentaha quddiem l-ewwel Qorti. Huwa palezi bejn il-partijiet, u ma hemmx kontestazzjoni dwarha, li l-imputat indirizza lill-parte civile bhala *handicap*, izda, spjega li uza din il-kelma biex jiddeskrivi lill-kwerelanta bhala persuna priva mill-presenza ta' missierha f'hajjitha wara li ommha ghawwietha kontra tieghu u issa kien imiss lill-kwerelanta taghmel l-istess ma' uliedhom;

3. Illi ghalhekk l-imputat mhux qed jikkontesta li uza dan il-kliem fil-konfront tal-kwerelanta u dak li jikkontendi hu li b'daqshekk ma ghamel l-ebda ingurja fil-konfront taghha;

4. L-appellant huwa imputat bir-reat ta' ingurja kontravenzjonali ravvizata fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali li huwa wiehed residwi mahsub sabiex ikopri reat ta' ingurja jew theddid li ma jaqghax taht artikoli ohra ta-ligi. Dan, izda, huwa wiehed kontravenzjonali u ghalhekk mhux mehtieg l-*animus injuriandi* sabiex il-prosekuzzjoni tipprova l-kaz taghha. It-test ghalhekk huwa wiehed soggettiv u ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha tal-kaz. Fl-ewwel lok, il-Qorti ma taqbel xejn mal-linja difensjonali li kienet il-kwerelanta li cemplet lill-imputat. Dan ma ghandu jkun ta' ebda soljev ghalih fl-uzu tal-kliem li jaghzel li jghid lill-parti l-ohra, anka jekk b'dan irid ifisser li kien provokat. F'din il-kontravenzjoni hija possibbli d-difiza tal-provokazzjoni izda certament li f'dan il-kaz ma hemmx hjiel li seta' kien il-kaz.

5. Fit-tieni lok, il-kelma fiha innifisha mhix wahda ingurjuza anke jekk illum il-gurnata l-uzu ta' certu kliem huwa soggett ta'

kambjament sabiex ma jkunx meqjus bhala *politically incorrect*. Ezaminata allura r-registrazzjoni, din il-kelma ma ntuzatx fi spirtu ta' tghajjir b'referenza ghal xi difett fiziku izda intuza per via ta' diskussjoni fejn ghall-imputat jidhirlu li l-parte civile ghandha mankanza f'hajjitha peress illi missierha ma kienx prezenti ghar-ragunijiet moghtija *supra*;

6. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, dik tal-ewwel grad ma setghetx issib htija fit-tieni imputazzjoni u ghalhekk ser ikollha tiddisturba d-decizzjoni tal-ewwel Qorti stante li l-fatti ma kellhomx iwasslu ghal sejbien ta' htija kwantu t-tieni imputazzjoni;

7. Illi bhala konsegwenza din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li tilqa' it-tieni parti tal-aggravju ghaliex la darba ma kienx hemm ingurja ma setghax jirrizulta r-reat ipotizzat fit-tielet imputazzjoni, dik tal-uzu hazin tal-apparat elettroniku;

8. Ghal dawn ir-ragunijiet, tilqa' l-appell u konsegwentement qed **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti li biha ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni u r-raba' imputazzjoni, **thassarha** f'dik il-parti li biha sabitu hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni u ghalhekk tilliberah minnhom kif ukoll mill-piena erogata mill-ewwel Qorti.